

Brussell, 15 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8601/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0112 (COD)

MI 335
COMPET 293
DIGIT 91
IND 126
TELECOM 129
PI 54
AUDIO 33
JUSTCIV 109
CODEC 743

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar ir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u n-negozji

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza dwar ir-Regolament dwar ir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u n-negozji bil-ħsieb li jitħejja dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fit-28 ta' Mejju 2018.

1. Ambjent kummerċjali trasparenti u prevedibbli li jissalvagwarda l-fiduċja

Fir-rigward tal-aċċess transfruntier għas-swieq tal-konsumaturi, il-pjattaformi online joffru effiċjenzi mingħajr paragun u saru l-“interfaċċa li għandha tintuża” għal kumpaniji ta' suċċess: 'il fuq minn miljun impriża tal-UE jinneogzjaw permezz ta' pjattaformi online biex jilhqqu l-konsumaturi tagħhom, nofs il-prenotazzjonijiet kollha tal-ivvjaġġar fl-Ewropa jsiru online, sitta minn kull għaxar SMEs Ewropej jiddependu fuq il-media soċjali biex jippromwovu l-prodotti u s-servizzi tagħhom, u 66 % minnhom jistqarru li l-pożizzjoni tagħhom fir-riżultati tat-tiftix għandha impatt sinifikanti fuq il-bejgħ tagħhom.

Il-kummerċ diġitali qed ikompli jikber b'rata mgħagħġla u qed issir dejjem aktar intermedjat minn pjattaformi online, li qed jaġixxu dejjem aktar bħala punti ta' aċċess għas-swieq, u għalhekk qed jirristrutturaw l-ekonomija diġitali. Il-preżenza (fuq pjattaformi) u l-viżibilità (anke fuq magni tat-tiftix) online huma vitali għal suċċess fil-parteċipazzjoni tan-negozji Ewropej fl-ekonomija tal-UE.

Il-pjattaformi online jibbenefikaw minn ċiklu virtuwż ta' tkabbir grazzi għall-effetti tan-netwerk b'saħħithom u xprunati mid-data ta' kobor, veloċità u skala mingħajr preċedent: Iż-żieda fl-għadd ta' utenti fuq naħa waħda tal-pjattaforma (eż. bejjiegħa, ħallieqa tal-kontenut, fornituri ta' servizzi) tagħmilha aktar attraenti għall-utenti fuq in-naħa l-oħra (eż. konsumaturi, spettaturi) u viċeversa. Il-pjattaformi għandhom aċċess għal volumi kbar ta' data ta' kwalità għolja u varjetà kbira, inkluż dwar il-profilu u l-preferenzi tal-utenti. Dan jippermettilhom itejbu l-prodotti u s-servizzi tagħhom billi jqabblu d-domanda u l-provvista ta' prodotti/servizzi (għal pjattaformi online) u għal tiftix b'riżultati (għal magni tat-tiftix) b'effiċjenzi mingħajr preċedent.

Il-karatteristiċi msemmijin hawn fuq jistgħu jirriżultaw f'saħħa ta' negozjar żbilanċjata minħabba l-fatt li l-utenti kummerċjali jiddependu dejjem aktar fuq pjattaformi u magni tat-tiftix ġenerali biex jilhqqu lill-klijenti tagħhom. L-istrateġiji tan-negozju ta' pjattaformi online huma prinċipalment iffukati sabiex iħajru u jżommu lill-konsumaturi, filwaqt li tipikament l-utenti kummerċjali tagħhom jeħtieġ li jkun preżenti fuq aktar minn pjattaforma waħda fi ħdan kull segment tas-suq biex jottimizzaw il-fatturat tagħhom. Barra minn hekk - bħala riżultat tal-effett tan-netwerk - f'ħafna setturi tal-ekonomija qed inħabbtu wiċċna ma' suq ikkonċentrat ħafna fir-rigward tal-pjattaformi.

L-eżerċizzju approfondit ta' ġbir ta' fatti imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea matul is-sentejn li għaddew (inkluż diversi studji, sessjonijiet ta' ħidma u ħafna lmenti minn negozji) kixef għadd konsiderevoli ta' Prattiki kummerċjali dannużi li jillimitaw il-kapaċità ta' ħafna utenti kummerċjali - li ta' sikwit ikunu żgħar - milli jaħsdu l-benefiċċji kollha tal-intermedjazzjoni online. Dan iżommhom lura milli jiffokaw fuq il-kompiti ewlenin tagħhom: il-ħolqien ta' tkabbir u impjegi billi joffru l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti u servizzi lill-konsumaturi Ewropej (u globali). L-evidenza - miġbura kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali - tissuġġerixxi li kważi wieħed minn kull żewġ utenti kummerċjali diġà soffrew taħt Prattiki bħal bidliet ħesrem u arbitrarji fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-pjattaformi, nuqqas ta' ċarezza dwar il-fatturi li jiddeterminaw ir-riżultati u l-klassifikazzjoni tat-tiftix, tneħħija mil-listi tal-pjattaformi mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, nuqqas ta' ċarezza dwar il-politiki tal-pjattaforma fir-rigward tad-data, jew imġiba allegatament diskriminatorja minn dawk il-pjattaformi li huma integrati vertikament u jikkompetu ma' bejjiegħa terzi.

Skont stħarriġ tal-Kummissjoni, terz ta' dawn il-problemi għadhom ma ġewx solvuti, u 29 % oħra jistgħu jiġu solvuti biss b'diffikultajiet, li wera n-nuqqas ta' rimedju effettiv f'dan il-qasam. Għandu jiġi nnotat li, minħabba l-biża' minn ritaljazzjoni potenzjali mill-pjattaformi, ħafna kwistjonijiet problematiċi ma jfegġux mal-ewwel. B'popolazzjoni ta' utenti totali stmata għal miljun intrapriża tal-UE¹, mijiet ta' eluf ta' negozji huma għaldaqstant affettwati ħażin b'xi mod jew ieħor.

La d-dritt tal-kompetizzjoni u lanqas dak dwar il-konsumaturi ma jindirizza dawk il-kwistjonijiet b'mod effettiv. Fost l-akbar pjattaformi hemm biss uħud li jistgħu potenzjalment jinstabu li għandhom pożizzjoni dominanti f'termini tad-dritt tal-kompetizzjoni. Il-liġi tal-konsumatur, minnaħa l-oħra, hija limitata għal tranżazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi u ġeneralment ma tindirizzax il-prattiki kummerċjali inġusti identifikati li qed jaffettwaw negozji oħra. Lanqas il-liġijiet nazzjonali eżistenti dwar Prattiki kummerċjali inġusti ma jindirizzaw speċifikament il-problemi msemmija hawn fuq.

¹ Copenhagen Economics, 'Online Intermediaries Impact on the EU economy', EDiMA, Ottubru 2015

Id-dinamiki tas-suq infushom x'aktarx li mhumiex ser jinbidlu b'mod sinifikanti minħabba li l-għadd ta' negozji li jixtiequ jużaw pjattaformi online biex jilħqu lill-konsumaturi mistenni jikber b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-għadd ta' pjattaformi online. B'riżultat ta' dan, l-iżbilanċ fis-saħħa tan-negozjar li ġġib magħha d-dipendenza ser isir sempliċiment aktar evidenti mil-lum, u kwalunkwe inizjattiva awto-regolatorja x'aktarx mhux ser tindirizza l-problemi identifikati b'mod effettiv.

L-intrapriżi tal-UE jeħtieġu ambjent kummerċjali trasparenti u prevedibbli sabiex ikunu jistgħu jħaddnu bis-sħiħ l-opportunitajiet tal-innovazzjoni u t-tkabbir diġitali maħluqa mill-ekonomija tal-pjattaformi online. Għaldaqstant huwa kruċjali li tiġi żgurata t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-prattiki kummerċjali prinċipali tal-pjattaformi. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' ġustizzja u trasparenza għall-utenti kummerċjali ta' servizzi intermedjarji online, adottat fis-26/4/2018, għandha l-għan li tiżgura ekosistema sana ta' pjattaformi li jibbenefika minnha kulħadd - l-utenti kummerċjali, l-intermedjarji online, u l-konsumaturi Ewropej - b'livell minimu ta' piż regolatorju impost fuq il-pjattaformi (bl-eżenzjoni ta' pjattaformi zġhar mir-rekwiżit li jistabbilixxu mekkaniżmi interni għall-ġestjoni tal-ilmenti). Fl-istess ħin, pjattaformi kemm kbar kif ukoll zġhar (u l-utenti tagħhom) ma jistgħux ma jibbenefikawx minn qafas regolatorju prevedibbli għall-UE kollha.

2. Approċċ f'żewġ fażijiet sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità

Fir-regolamentazzjoni ta' settur li qed jikber b'pass mgħaġġel b'mudelli tan-negozju fi żvilupp kostanti, il-kwistjoni li jintlaħaq il-bilanċ u s-sekwenzjar ġust fl-approċċ regolatorju jsir importanti ferm kemm għall-kisba tal-oġġettivi diretti tal-politika kif ukoll il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija. Għal dan l-għan, il-Kunsill Ewropew diġà ta gwida dwar il-qafas regolatorju futur billi “ssottolinja wkoll il-ħtieġa ta' żieda fit-trasparenza fil-prattiki u l-użi tal-pjattaformi,”².

² Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Ottubru 2017

Prattiki kummerċjali trasparenti (“regoli tal-logħba”) u mekkaniżmi ta’ rimedju mtejba għandhom jgħinu biex jitnaqqas il-livell ġenerali ta’ frizzjoni li huwa osservat illum fir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u n-negozji. Fl-istess ħin, il-proposta tal-Kummissjoni tħalli lill-pjattaformi l-libertà li jiddeterminaw ir-regoli kuntrattwali li japplikaw għas-swieq tagħhom – filwaqt li tirrikonoxxi li dan jagħtihom il-possibbiltà li jorganizzaw b’mod effiċjenti l-ekosistemi kbar tagħhom ta’ utenti kummerċjali u konsumaturi. Għaldaqstant il-proposta tissalvagwarda l-potenzjal għall-innovazzjoni tal-ekonomija tal-pjattaformi online għall-benefiċċju tal-atturi kollha, inkluż 'l fuq minn 7,000 pjattaforma online stabbiliti fl-UE.

Fl-istess waqt, għadd ta’ kwistjonijiet huma meqjusin li huma ta’ importanza kummerċjali partikolari għall-utenti kummerċjali, u prattiki kummerċjali dannużi unilaterali ma jistgħux jiġu esklużi f’dan ir-rigward. Dan jikkonċerna pereżempju il-kwistjonijiet ta’ kompetizzjoni mill-pjattaforma fis-suq tagħha stess, ta’ klassifikazzjoni, jew ta’ aċċess għad-data. Ir-regolamentazzjoni *ex ante* dettaljata ta’ tali prattiki kienet timplika li l-mudelli tan-negozju ta’ pjattaformi online jinbidlu u kienet meqjusa bħala sproporzjonata mill-Kummissjoni Ewropea – li wiżnet il-bażi ta’ evidenza eżistenti fil-konfront tal-effetti negattivi potenzjali tal-leġislazzjoni li mhix teknoloġikament newtrali u li tiflaħ għall-innovazzjoni b’mod suffiċjenti.

L-obbligi ta’ trasparenza proposti diġà jkopru dawn il-kwistjonijiet “emerġenti” kollha ta’ importanza kummerċjali ewlenija għall-utenti kummerċjali, u huma mistennija li jkollhom effett dixxiplinari fuq l-imġiba tal-pjattaformi. Il-fehim tan-natura sħiħa u l-impatt tal-prattiki tal-pjattaformi f’dawn l-oqsma u l-valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta’ trasparenza proposti ser jeħtieġu monitoraġġ ulterjuri. Il-loġika tal-intervent tal-proposta hija għaldaqstant ibbażata fuq approċċ f’żewġ fażijiet: Fl-ewwel fażi, it-trasparenza mtejba u l-obbligi ta’ rimedju huma maħsuba sabiex jixprunaw il-kompetizzjoni fost il-pjattaformi u biex jagħtu s-setgħa lill-utenti kummerċjali biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar u biex jsoġu problemi b’mod effettiv.

Fit-tieni fażi, il-ħtieġa potenzjali għal miżuri mmirati li għandhom portata akbar ser tiġi identifikata permezz ta’ sforz ta’ monitoraġġ approfondit – jiġifieri tal-Osservatorju tal-UE dwar l-Ekonomija tal-Pjattaforma Online, li ser ikun fil-qalba ta’ tentattiv li jgħaqqad l-għarfien espert tal-esperti u ta’ min ifassal il-politika fl-Unjoni kollha. Il-grupp ta’ esperti indipendenti, li ser ikun fil-qalba ta’ dan l-Osservatorju, huwa mistenni jibda l-ħidma tiegħu qabel is-sajf li geġ. Meta jkun qed jaħdem fuq il-kompiti mogħtija lilu, dan għandu jżomm kuntatt mill-qrib maċ-ċentri ta’ għarfien espert u kompetenza eżistenti fl-Istati Membri.

Dan l-isforz ta' monitoraġġ ser jikkontribwixxi evidenza għar-rieżami tar-Regolament propost tliet snin wara l-adozzjoni tiegħu.

3. Mistoqsijiet

- Taqbel mal-analiżi ta' hawn fuq li hemm il-ħtieġa li tittejjeb il-prevedibbiltà u t-trasparenza għall-utenti kummerċjali ta' pjattaformi online sabiex tiġi promossa l-fiduċja fl-ekonomija tal-pjattaformi online?
 - Inti favur approċċ gradwali biex isir intervent fl-ekonomija tal-pjattaformi online li qed tevolvi b'pass mġaħġel li jiffoka fuq it-trasparenza u r-rimedji, fejn ftehim rapidu dwar l-ewwel stadju propost ikun pass importanti għall-UE?
-